MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 482/2004

**Untours Insurance Agents Limited ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Alfred Farrugia u l-istess Alfred Farrugia**

**Vs**

**Guzeppi Ghigo**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm614.21c (sitt mija w erbatax-il lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku bejn il-vettura JAD 175 misjuqa mill-konvenut u l-vettura KAD 672 proprjeta' ta' l-attur ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li l-incident in kwistjoni ma garax b'tort tieghu izda gara unikament tort u htija ta' Marika Farrugia.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn il-konvenut qal:

"He was proceeding in Triq l-Avjazzjoni, Gudja. Coming from the direction of Hal Far going towards Luqa. When passed the roundabout vehicle number KAD 672 dashed into him."

Ra illi Farrugia qalet:

"She was proceeding in Triq l-Avjazzjoni, Gudja coming from the direction of the Malta International Airport going towards Gudja. As she was turning with the roundabout she dashed into vehicle JAD 175."

Sema' x-xhieda ta' PS 1429 Eric Mangion prodott mis-socjeta' attrici fejn ikkonferma li nizzel dak kollu li qalu l-partijiet fir-*Road Accident Report*.

Sema' x-xhieda ta' Mario Mifsud, *Claims Handler* mas-socjeta' attrici fejn ikkonferma l-prospett tad-danni.

Sema' x-xhieda ta' Marika Farrugia fejn qalet illi fil-hin ta' l-incident hija kienet harget mill-ajruport, waqfet fejn l-i*stop sign* ma' l-art u harget fuq il-lane tax-xellug sabiex iddur lejn it-triq tal-Gudja. Farrugia tghid illi ghamlet indicator biex iddur fuq il-lemin izda sabet il-karozza tal-konvenut u sar l-impatt. Mistoqsiha jekk ratx il-vettura tal-konvenut, tghid li ma rathiex.

Sema' x-xhieda tal-konvenut fejn qal li fil-hin ta' l-incident huwa kien gej minn Hal Far u kien diga' qabez nofs ir-roundabout sabiex jikser lejn in-naha ta' Hal Luqa meta sema' daqqa fuq ix-xellug tieghu. Qal ukoll li qabel l-incident ma kienx ra l-karozza ta' l-attrici.

**Ikkunsidra**

Illi kif xehdet Farrugia stess hija ma kienetx rat il-karozza tal-konvenut meta ddecediet li tbiddel il-karreggjata. Illi

f'dawn ic-cirkostanzi Farrugia kellha l-obbligu li tara jekk hemmx vetturi hdejha. Mhux bizzejjed li tixghel l-indicator.

Farrugia riedet iddur fuq il-lemin taghha. Hi kellha d-dover li thares fuq il-lemin u tara jekk hemmx karozzi fuq il-lemin iktar vicin lejn ir-roundabout.

Fic-cirkolazzjoni korretta tat-traffiku titlob li driver ghandu:

a) Izomm *a proper lookout*.

b) Jekk jista' jevita ncident jevitah u ghal dan il-fini ma jghaddasx rasu u jezercita dritt jekk b'dal mod ikun hemm sogru ta' incident.

Il-fatt li Farrugia rat il-vettura l-ohra biss mal-habta turi li ma kienetx qieghda zzomm *a proper lookout*. Il-Highway Code jipprovdi:

"221. When approaching a roundabout watch out for traffic already on it….Give way to traffic on your right unless road markings indicate otherwise."

L-Artikolu 222 jipprovdi li meta jkun hemm zewg karreggjati u driver irid idur fuq il-lemin l-istess driver ghandu jzomm fuq il-lemin waqt li qieghed javvicina r-roundabout u jzomm fuq dik il-lane.

Illi huwa minnu li lanqas il-konvenut ma ra lil Farrugia qabel il-habta izda kienet Farrugia li riedet taqsam il-karreggjata u ghalhekk kellha tassigura li ma kienx hemm vetturi fuq il-lemin taghha u ghalhekk ma jistax jinghad li kien il-konvenut li kien responsabbli ghall-incident.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jichad it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------